MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 293/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Caruana Maria Theresa**
**ID161050-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, tmienja u hamsin ewro, tmien centezmi (€658.08c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC10153665), u li jinkludi telefon 21497821; servizz ta' televizjoni 1425123032 li jinkludi wkol is-servizz ta' GO Sports, u servizz ta' internet, flimkien ma' servizz ta' televisjoni 1425136559.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2596/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 t' Ottubru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-Socjeta' attrici datata 26 ta' Settembru, 2014 li permezz taghha t-talba tas-Socjeta' attrici giet ridotta ghall-ammont ta' hames mija, tmienja u hamsin ewro, tmien centezmi (€558.08c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, tmienja u hamsin ewro, tmien centezmi (€558.08c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------